Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 7 ta' Marzu 2018**
**(OR. en)**

**6860/18**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2017/0075 (NLE)**

**EF 64**
**ECOFIN 210**
**SURE 16**
**SERVICES 4**
**USA 9**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 8009/17 EF 73 ECOFIN 259 SURE 7 SERVICES 10 USA 19 + ADD1 |
| Suġġett: | Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar miżuri prudenzjali fir-rigward tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni<br>- Adozzjoni |

1. Fl-4 ta' April 2017, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi hawn fuq[1].

2. Fid-29 ta' Mejju 2017, f'konformità mal-Artikolu 218(6)(a)(v) TFUE, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi hawn fuq kif iffinalizzat mill-Ġuristi-Lingwisti u kif jidher fid-dokumenti 8054/17 EF 75 ECOFIN 264 SURE 9 SERVICES 12 USA 22 u 8065/17 EF 77 ECOFIN 268 SURE 11 SERVICES 15 USA 24 lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.

[1] Dok. 8009/17 EF 73 ECOFIN 259 SURE 7 SERVICES 10 USA 19 + ADD 1

3. Il-Ftehim kien iffirmat fit-22 ta' Settembru 2017 mal-Istati Uniti tal-Amerka, u daħal f'applikazzjoni proviżorja fis-7 ta' Novembru 2017.

4. Il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim fl-1 ta' Marzu 2018.

5. L-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim kien approvat mill-Grupp ta' Ħidma dwar is-Servizzi Finanzjarji fi proċedura ta' silenzju li skadiet fis-6 ta' Marzu 2018.

6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat li jmiss tiegħu, l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim kif jidher fid-dokumenti 8054/17 EF 75 ECOFIN 264 SURE 9 SERVICES 12 USA 22 u 8065/17 EF 77 ECOFIN 268 SURE 11 SERVICES 15 USA 24.